MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 946/2004

**United Macaroni Manufacturing plc**
**v**
**Lawrence Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta' attrici ippremettiet:

Peress illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' hdax-il elf tmien mija u seba' liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm11,807.27), bilanc minn somma akbar, rappezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq inkarigu ta' l-istess konvenut (Dok.X).

Peress illi llum l-imsemmi ammont ta' hdax-il elf tmien mija u seba' liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm11,807.27) dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici huwa kreditu cert, likwidu u dovut tas-socjeta' attrici fil-konfront

tal-konvenut u fil-fehma ta' l-istess socjeta' attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh billi fil-fehma ta' l-istess socjeta' attrici l-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont maghmula kontra tieghu mis-socjeta' attrici (Dok. Y).

Peress illi nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallasx dak minnu dovut lis-socjeta' attrici.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandiex din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai temini tal-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hdax-il elf tmien mija u seba' liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm11,807.27), bilanc minn somma akbar, rappezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq inkarigu ta' l-istess konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-Att ta' Citazzjoni, u bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' l-ahhar konsenja u cioe' mis-26 ta' Mejju 2004, sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat li l-konvenut debitament notifikat li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet, u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------